# Tiġdid parzjali u dħul fil-kariga ta’ erbatax-il Membru ġdid tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea

B’deċiżjonijiet tal-1 ta’ Frar 2019 u tad-29 ta’ Mejju 2019, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ġeddew, għall-perijodu mill-1 ta’ Settembru 2019 sal-31 ta’ Awwissu 2025, il-mandat ta’ tnax-il Imħallef tal-Qorti Ġenerali, jiġifieri ta’ Vesna Tomljenović, Mariyana Kancheva, Inga Reine, Ramona Frendo, Anthony Collins, Stéphane Gervasoni, Eugène Buttigieg, Fredrik Schalin, Ulf Öberg, Jan Passer, Alexander Kornezov u Colm Mac Eochaidh.

B’deċiżjoni tal-1 ta’ Frar 2019, inħatru bħala Mħallfin fil-Qorti Ġenerali, għall-perijodu mill-1 ta’ Settembru 2019 sal-31 ta’ Awwissu 2025, Laurent Truchot, u għall-perijodu mill-1 ta’ Settembru 2019 sal-31 ta’ Awwissu 2022, Mirela Stancu.

B’deċiżjoni tas-6 ta’ Marzu 2019, inħatret bħala Mħallef fil-Qorti Ġenerali, għall-perijodu mill-1 ta’ Settembru 2019 sal-31 ta’ Awwissu 2022, Tuula Riitta Pynnä.

B’deċiżjoni tad-29 ta’ Mejju 2019, inħatru bħala Mħallfin fil-Qorti Ġenerali, għall-perijodu mill-1 ta’ Settembru 2019 sal-31 ta’ Awwissu 2025, Tamara Perišin, Petra Škvařilová-Pelzl, Gabriele Steinfatt, Johannes Christoph Laitenberger, José Martín y Pérez de Nanclares, Rimvydas Norkus u Miguel Sampol Pucurull, u għall-perijodu mill-1 ta’ Settembru 2019 sal-31 ta’ Awwissu 2022, Iko Nõmm.

B’deċiżjoni tal-11 ta’ Lulju 2019, inħatru bħala Mħallfin fil-Qorti Ġenerali, għall-perijodu mill-1 ta’ Settembru 2019 sal-31 ta’ Awwissu 2025, Ornella Porchia u Roberto Mastroianni.

B’deċiżjoni tal-4 ta’ Settembru 2019, inħatar bħala Mħallef fil-Qorti Ġenerali, għall-perijodu mis-6 ta’ Settembru 2019 sal-31 ta’ Awwissu 2022, Gerhard Hesse.

Fl-okkażjoni tat-teħid ta’ ġurament u tad-dħul fil-kariga tal-Membri l-ġodda tal-istituzzjoni, ser tinżamm udjenza solenni llum fis-sede tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

L-udjenza solenni ser tiġi trażmessa direttament fis-18:00 fuq is-sit aċċessibbli permezz tal-konnessjoni segwenti: http://c.connectedviews.com/01/LiveMeetings/cdj

## *Curricula vitae* tal-Membri l-ġodda

### Laurent Truchot

Imwieled fl-1962; gradwat mill-Istitut ta’ Studji Politiċi ta’ Pariġi (1984); student tal-Iskola Nazzjonali tal-Maġistratura (1986-1988); Imħallef mal-Qorti Reġjonali ta’ Marseille (1988-1990); Maġistrat fid-Direttorat tal-Kawżi Ċivili u tal-Ministeru għall-Ġustizzja (1990-1992); assistent għall-kap tal-uffiċċju, u sussegwentement kap tal-uffiċċju għad-Direttorat Ġenerali tal-Kompetizzjoni, tal-Konsum u tal-Eliminazzjoni tal-Frodi mal-Ministeru għall-Ekonomija, għall-Finanzi u għall-Industrija (1992-1994); konsulent tekniku tal-Gwardjan tas-Siġilli, Ministru tal-Ġustizzja (1994-1995); Imħallef

mal-Qorti Reġjonali ta' Nîmes (1995-1996); référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea mal-Avukat Ġenerali P. Léger (1996-2001); konsulent référendaire fil-Qorti tal-Kassazzjoni (2001-2007); Imħallef fil-Qorti Ġenerali (2007-2013, President ta' Awla mill-2010 sal-2013); konsulent mal-Qorti tal-Kassazzjoni (2013-2019); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-26 ta' Settembru 2019.

**Mirela Stancu**

Imwielda fl-1974 ; gradwata fid-dritt mill-Università ta' Bukarest (1998); dottorat fid-dritt mill-Università ta' Bukarest (2009); avukat mal-kamra tal-avukati ta' Bukarest (1999-2002); lecturer (2002-2018), sussegwentement mill-2018 senior lecturer fid-dritt proċedurali mal-Università ta' Bukarest; għalliema mal-Istitut nazzjonali tal-maġistratura (2007-2018); Imħallef fil-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Bukarest (2004-2009); Imħallef fil-Qorti ta' Bukarest (2009-2019); Imħallef ikkollokat mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin (2005); ġurist amministratur fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea mal-Imħallef C. Toader (2011-2014); direttur għall-affarijiet Ewropej, għar-relazzjonijiet internazzjonali u għall-programmi tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura (2015-2018); awtur ta' diversi pubblikazzjonijet; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-26 ta' Settembru 2019.

**Tuula Riitta Pynnä**

Imwielda fl-1958; gradwata fid-dritt mill-Università ta' Turku (master, 1981); programm ta' taħriġ ġudizzjarju fil-Qorti Reġjonali ta' Ulvila (1984); master fid-dritt mill-Università ta' Trier (1993); master fl-istudji ġuridiċi Ewropej mill-Istitut Ewropew għall-Amministrazzjoni Pubblika (1994); lecturer fl-Università ta' Turku (1981-1982); Imħallef fil-Qorti Reġjonali ta' Pori (1982-1983); kap ta' dipartiment fl-Uffiċċju tal-Popolazzjoni (1983-1985); Imħallef fil-Qorti ta' Tampere u ta' Pirkanmaa (1985-1995); référendaire fil-Qorti Suprema tal-Finlandja (1995); kap ta' diviżjoni tal-kontenzjuż tal-Unjoni Ewropea, konsulent legali u aġenti tal-Istat mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, Ministeru għall-Affarijiet Barranin, kap tad-delegazzjoni Finlandiża tal-grupp ta' ħidma "Il-Qorti tal-Ġustizzja" tal-Kunsill (1996-2005); membru tal-grupp "Ħbieb tal-Presidenza" għar-riforma tas-sistema ġudizzjarja tal-Komunità fit-Trattat ta' Nice; Imħallef fil-Qorti Amministrattiva Suprema tal-Finlandja (2005-2012); Imħallef fil-Qorti Suprema tal-Finlandja (2012-2019); membru tal-kumitat dixxiplinari tal-borża ta' Ħelsinki (2015-2019); membru, sussegwentement president tal-kumitat ta' eżami tal-kamra tal-avukati ta' Ħelsinki (2011-2019); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-26 ta' Settembru 2019.

**Tamara Perišin**

Imwielda fl-1979; gradwata fid-dritt mill-Università ta' Zagreb (2002); master fid-dritt mill-Università ta' Oxford (2003); dottorat fid-dritt mill-Università ta' Zagreb (2007); Fulbright Fellow mill-Universitajiet ta' Georgetown u ta' Michigan (2005-2006); taħriġ fit-tagħlim u x-xjenzi tat-tagħlim fl-Università tal-Ewropea ċentrali (2007-2008); riċerkatriċi mal-Istitut Asser (2004), mal-Istitut Max Planck (2007-2008) u mal-Harvard Law School (2014); ammessa fil-kamra tal-avukati tal-Kroazja (2009); professur tad-dritt tal-Unjoni, inkarigata mill-Katedra Jean Monnet u koordinatriċi taċ-Centru ta' eċċellenza Jean Monnet fl-Università ta' Zagreb (2002-2019); professur mistieden fl-Università ta' Harvard (2015-2016); membru tal-grupp ta' negozjar għall-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (2005-2011); responsabbli mit-taħriġ fid-dritt tal-Unjoni għall-uffiċjali u diplomatiċi fl-iskola nazzjonali tal-amministrazzjoni pubblika u fl-akkademja għad-diplomatiċi tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u għall-Affarijiet Ewropej (2011-2012); responsabbli mit-taħriġ fid-dritt tal-Unjoni għall-imħallfin u għall-prosekuturi fl-akkademja legali u l-qorti ta' Zagreb (2012-2013); responsabbli mit-taħriġ fid-dritt tal-Unjoni għall-assoċjazzjoni Kroata tal-avukati (2015); konsulent speċjali mal-Ministeru għax-Xjenzi u għall-Edukazzjoni (2017-2019); editur prinċipali ta' ġurnal tad-dritt tal-Unjoni; awtur ta' diversi pubblikazzjonijet; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-26 ta' Settembru 2019.

**Petra Škvarilová-Pelzl**

Imwielda fl-1975; studji fid-dritt fir-Repubblika Ċeka u fil-Ġermanja (Magister iuris, Università Karlova ta' Praga, 1999), dottorat fid-dritt (Università ta' Hamburg, 2004); gradwata fl-interpretazzjoni lejn il-Ġermaniż mill-iskola tal-Istat għal-lingwi ta' Praga (1995); kollaboratriċi

xjentifika mal-katedra tad-dritt kummerċjali, tad-dritt marittimu u tad-dritt ekonomiku tal-Università ta' Hamburg; għaddiet minn kompetizzjoni tal-istituzzjonijiet Ewropej għal ġuristi Ċeki (2004); uffiċjal fi ħdan id-Direttorat Ġenerali tal-Bibljoteka u tar-Riċerka u d-Dokumentazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (2004-2019); attaché mad-Direttur Ġenerali (2010-2016); référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea mal-Imħallef M. Berger (2017-2018); lecturer tad-dritt tal-Unjoni fl-Akkademkja Federali ta' Vjenna għas-Servizz Pubbliku; interventi regolari fil-kuntest tal-festival bjennali tad-dritt Ċek-Ġermaniż; awtur ta' diversi pubblikazzjonijet b'mod partikolari fil-qasam tad-dritt tal-Unjoni u tad-dritt komparattiv; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-26 ta' Settembru 2019.

**Gabriele Steinfatt**

Imwielda fl-1977; studji f'Saarbrücken u fi Strasbourg; gradwata fid-dritt mill-Università Robert Schuman ta' Saarbrücken (master fid-dritt privat u ċertifikat fid-dritt Ewropew, 2000); eżamijiet tal-Istat f'Saarbrücken (2002 u 2005); studji ta' wara l-ewwel grad fl-Istitut tal-Istudji Ewropej fl-Università ta' Saarland (2002-2003); dottorat fid-dritt mill-Università ta' Saarland (2011); Imħallef fil-Qorti Amministrattiva ta' Bremen (2005-2018); Imħallef fil-Qorti Amministrattiva tal-Appell ta' Bremen (2018-2019); membru tal-Qorti Dixxiplinari tal-Appell għall-Imħallfin (2018-2019); membru supplenti tal-Qorti Dixxiplinari tal-Appell għall-Inġiniera (2018-2019); lecturer fl-Università ta' Saarland u fl-Università ta' Bremen; awtur ta' diversi pubblikazzjonijet ġuridiċi, b'mod partikolari fid-dritt Ewropew; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-26 ta' Settembru 2019.

**Johannes Christoph Laitenberger**

Imwieled fl-1964; studji tad-dritt fir-Rheinische Friedrich-Wilhelms-Universität Bonn; l-ewwel eżami tal-Istat fid-dritt (1990); kollaboratur legali fl-amministrazzjoni tal-Parlament Ġermaniż (1991); Rechtsreferendar fil-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Köln (1991-1994); it-tieni eżami tal-Istat fid-dritt (1994); lecturer u riċerkatur fir-Rheinische Friedrich-Wilhelms-Universität Bonn (1991-1995); avukat mal-kamra tal-avukati ta' Köln u konsulent legali ta' federazzjoni ta' impriżi (1996); konsulent mad-Direttorat tal-Amministrazzjoni u tal-Protokoll tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (1996-1999); relatur fid-Direttorat Ġenerali tal-Kompetizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea (1999); membru tal-uffiċċju (1999-2003), u sussegwentement kap tal-uffiċċju (2003-2004) tal-Kummissarju Ewropew Viviane Reding; membru tal-uffiċċju tal-President tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej José Manuel Barroso (2004-2005); kelliem u kap tad-dipartiment tal-kelliem tal-Kummissjoni Ewropea (2005-2009); kap tal-uffiċċju tal-President tal-Kummissjoni Ewropew José Manuel Barroso (2009-2014); Assistent Direttur Ġenerali tas-Servizz Legali tal-Kummissjoni Ewropea (2014-2015); Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali tal-Kompetizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea (2015-2019); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-26 ta' Settembru 2019.

**José Martín y Pérez de Nanclares**

Imwieled fl-1965; gradwat fid-dritt mill-Università ta' Salamanca (1983-1988); studji tad-dritt kostituzzjonali fl-Università ta' Köln (1988-1989); master fid-dritt Ewropew mill-Università ta' Saarbrücken (1991); dottorat fid-dritt mill-Università ta' Saarbrücken (1994) u ta' Salamanca (1994); lecturer anzjan (1993-1996) u professur tad-dritt internazzjonali (1996-2001) fl-Università ta' La Rioja; inkarigat mill-katedra tad-dritt internazzjonali pubbliku u inkarigat mill-Katedra Jean Monnet tad-dritt tal-Unjoni Ewropea fl-Università ta' La Rioja (2001-2009); inkarigat mill-katedra tad-dritt internazzjonali pubbliku fl-Università ta' Salamanca (2009-2012 u 2018); viċi rettur tar-relazzjonijiet internazzjonali (2004-2008), viċi rettur tar-riċerka (1996-2000) u segretarju ġenerali (1996) tal-Università ta' La Rioja; dottorat *honoris causa* mill-Università ta' Piura, il-Perù (2009); direttur tal-uffiċċju tal-affarijiet ġuridiċi internazzjonali tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u għall-Kooperazzjoni tal-Gvern Spanjol (2012-2018); direttur tal-uffiċċju tal-presidenza tal-Kunsill tal-Istat Spanjol (2018-2019); membru tal-Qorti Permanenti tal-Arbitraġġ (2018-2019); awtur ta' diversi pubblikazzjonijet; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-26 ta' Settembru 2019.

**Rimvydas Norkus**

Imwieled fl-1979; master fid-dritt mill-Università ta' Vilnjus (2001); dottorat fid-dritt mill-Università Mykolas Romeris (2005); studji fl-Istitut Svizzeru tad-Dritt Komparattiv (ISDC) u fl-Universitajiet ta' Bonn u ta' Vilnjus (2002-2006); assistent ta' mħallef mal-Qorti tal-Appell tal-Litwanja (1999-2000); konsulent tal-President tal-Qorti tal-Appell tal-Litwanja (2000-2003); direttur mad-dipartiment tal-prattika legali tal-Qorti Amministrattiva Suprema tal-Litwanja (2003-2009); ġurist lingwist mal-Parlament Ewropew (2009-2010); direttur tad-dipartiment tar-riċerka legali tal-Qorti Suprema tal-Litwanja (2010-2012); Imħallef mal-Qorti tal-Appell tal-Litwanja (2012-2013); Imħallef mal-Qorti Suprema tal-Litwanja (2013-2014); President tal-Qorti Suprema tal-Litwanja (2014-2019); professur mal-Istitut tad-Dritt Privat tal-Università Mykolas Romeris (2012-2019); professur assoċjat mal-Università Mykolas Romeris (2007-2008); President tal-Kunsill tal-Maġistratura tal-Litwanja (2016-2018); awtur ta' diversi pubblikazzjonijet; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-26 ta' Settembru 2019.

**Miguel Sampol Pucurull**

Imwieled fl-1974; gradwat fid-dritt u fl-immaniġġjar tan-negozju mill-Università Pontifikali ta' Comillas – ICADE (1998); abogado del Estado responsabbli mir-rappreżentazzjoni tal-Istat quddiem il-qrati nazzjonali (2002-2005); abogado del Estado fis-Servizz Legali tal-Ministeru għall-Kultura (2005-2006); membru tas-Servizz Legali tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin għal dak li jirrigwarda l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (2006-2007); abogado del Estado-konsulent legali għar-Rappreżentanza Permanenti ta' Spanja fl-Unjoni Ewropea (2007-2014); abogado del Estado-Jefe tas-servizz ġuridiku tal-Istat responsabbli minn proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u Viċi Direttur Ġenerali għall-Affarijiet tal-Unjoni Ewropea u Internazzjonali tal-Abogacia General del Estado (Ministeru għall-Ġustizzja) (2014-2019); membru tal-bord tad-diretturi ta' numru ta' impriżi pubbliċi (2014-2019); awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-26 ta' Settembru 2019.

**Iko Nõmm**

Imwieled fl-1977; dottorat fid-dritt mill-Università ta' Tartu (2013); konsulent għall-Qorti tal-Appell ta' Tallinn (2001-2002); uffiċjal ġudizzjarju stagiaire fil-Qorti ta' Harju (2002); Imħallef fil-Qorti ta' Harju (2002-2007); Imħallef fil-Qorti tal-Appell ta' Tallinn (2007-2019); Imħallef stagiaire mal-Qorti Suprema tal-Estonja (2015-2016); magistrat nazzjonali kkollokat mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (2017-2018); lecturer fl-Università ta' Tartu (2014-2019); lecturer fil-Qorti Suprema tal-Estonja (2015-2019); għalliem mal-assoċjazzjoni tal-kamra tal-avukati Estonjana (2015-2019); membru mal-kummissjoni ta' eżami tal-imħallfin (2018-2019); membru tal-kumitat ta' evalwazzjoni tal-kompetenza professjonali tal-kamra tal-avukati Estonjana (2015-2019); awtur ta' diversi pubblikazzjonijet; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-26 ta' Settembru 2019.

**Roberto Mastroianni**

Imwieled fl-1964; gradwat fid-dritt mill-Università ta' Firenze (1987); dottorat fid-dritt mill-Università ta' Bologna (1992); master fid-dritt mid-Dickinson School of Law, Pennsylvania (1990); studji post-dottorat fl-Università ta' Genève (1992-1993); studji post-dottorat fl-Università ta' Amsterdam (1993-1994); riċerkatur fid-dritt internazzjonali fl-Università ta' Firenze (1992-1997); référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej mal-Avukati Ġenerali Giuseppe Tesauro u Antonio Saggio (1997-2000); professur tad-dritt tal-Unjoni Ewropea fl-Università ta' Napoli Federico II (2000-2019); professur mistieden tad-dritt tal-Unjoni u tal-kontenzjuż Ewropew fl-Università Paris 2 – Panthéon-Assas (2011-2013); professur tad-dritt tal-Unjoni fl-Università Luiss Guido Carli ta' Ruma (2013-2017); konsulent tal-Gvern Taljan għall-affarijiet leġiżlattivi mad-dipartiment tal-affarijiet Ewropej (2015-2018); avukat awtorizzat jidher quddiem il-qrati superjuri (1993-2019); professur tad-dritt komparattiv tal-kompetizzjoni fl-iSturm College of Law tal-Università ta' Denver (2015-2019); membru tal-kunsill ta' amministrazzjoni tal-Assoċjazzjoni Taljana tad-Dritt Internazzjonali SIDI (20l3-2015) u tal-Assoċjazzjoni Taljana għall-Istudji tad-Dritt tal-Unjoni Ewropea AISDUE (2018-2019); awtur ta' numru kbir ta' pubblikazzjonijet; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-26 ta' Settembru 2019.

**Ornella Porchia**

Imwielda fl-1966; gradwata fid-dritt (1991); dottorat fid-dritt mill-Università Bocconi ta' Milano (1996); professur tad-dritt tal-Unjoni Ewropea fl-Università ta' Torino; avukat mal-kamra tal-avukati ta' Torino (1994); assistent professur (1998-2002) u professur assoċjat tad-dritt internazzjonali mal-Università ta' Torino (2002-2007); membru tad-dipartiment tal-istudji tal-Qorti Kostituzzjonali tal-Italja (2010-2014); konsulent legali għar-Rappreżentanza Permanenti tal-Italja mal-Unjoni Ewropea (2014-2019); awtur ta' diversi pubblikazzjonijet; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-26 ta' Settembru 2019.

**Gerhard Hesse**

Imwieled fl-1970; gradwat fid-dritt mill-Università ta' Vjenna (1993); dottorat fid-dritt mill-Università ta' Vjenna (2002); membru tad-Dipartiment tal-Affarijiet Ewropej tal-Kanċellerija Federali (1994-1995); membru u sussegwentement kap ta' dipartiment mas-servizzi legali tal-Kanċellerija Federali (1995-2000); konsulent legali mal-Kamra tax-Xogħol (2000-2002); membru tas-servizz legali u sussegwentement kap ta' dipartiment mas-servizzi legali tal-Kanċellerija Federali (2002-2007); konsulent legali mal-Uffiċju tal-Kanċellerija Federali (2007-2010); direttur ġenerali tas-servizz legali tal-Kanċellerija Federali (2010-2017); direttur ġenerali tas-servizz legali mal-Ministeru għall-Affarijiet Kostituzzjonali, għar-Riformi, għad-Deregolarizzazzjoni u għall-Ġustizzja (2017-2019); membru tal-Kunsill tal-Gvern għall-Protezzjoni tad-Data Personali (2010-2019); President tal-Bord ta' Sorveljanza tal-Bibjoteka Nazzjonali (2017-2019); awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-26 ta' Settembru 2019.

---

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*